# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 25 ta' Ottubru, 2018**

**Kawża Numru 10 Kost.**

**Rik. Kost. 6/14JRM**

Franco **BUTTIĠIEĠ** f'ismu proprju u għan-nom u bħala mandatarju ta' l-assenti Anna Maria *sive* Maronna armla mill-Perit Victor Calleja; Alessandra mart divorzjata ta' Roderick Kirkpatrick; Maria mart l-Avukat Michael Borġ Costanzi; Roberta mart legalment separata minn Meinrad Calleja; u Rachelle Buttiġieġ

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**; il-Kummissarju tal-Artijiet u, b'degriet tal-5 ta' Ottubru, 2017, l-atti għaddew f'isem l-Awtorita` ta' l-Artijiet; id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet; u r-Rettur ta' l-Universita` ta' Malta Prof. Juanito Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' l-Universita` ta' Malta

## Il-Qorti:

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti: (i) jogħġobha ssib li li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin bl-artikoli 37 u 32(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u kif ukoll bl-artikoli 6(1) u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") dwar l-art magħrufa bħala "*Tal-Għargħar*" li tinsab fil-limiti tal-Imsida tal-kejl ta' madwar sitt itmien, siegħ u sitt kejliet u nofs (6T 1S 6.5K) miksuba mill-awturi tagħhom bis-saħħa ta' testment tat-18 ta' Marzu, 1861, fl-atti tan-Nutar Francesco Saverino Camilleri u wara miruta mill-Avukat Filippo Nicolo' Buttiġieġ u mill-Ispiżjar Salvatore Buttiġieġ, u liema art kienet ġiet espropprjata b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali b'notifikazzjoni numru 357/60 fil-Gażżetta tal-Gvern ta' Malta (espropprjazzjoni numru L1713/60), u b'mod partikolari dik il-parti mill-imsemmija art meħuda mill-Gvern ta' Malta għall-użu tal-Università ta' Malta, u dan billi minkejja dik l-espropprjazzjoni, ma qiegħed isir minnha l-ebda użu għal skop pubbliku u b'hekk issib bla ebda siwi u effett fil-liġi l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali numru 357/60 safejn tali dikjarazzjoni tolqot l-art li għadha fil-pussess tagħhom permezz tal-gabillotti werrieta ta' Paul Debono; (ii) tordna lill-intimati, jew lil min minnhom, biex iroddulhom lura l-imsemmija art tal-kejl ta' madwar sitt itmien, siegħ u sitt kejliet u nofs (6T 1S 6.5K), li għadha maħduma mill-werrieta tal-gabillott Paul Debono, u tiffissa kumpens xieraq minħabba ċ-ċaħda tat-tgawdija min-naħa tagħhom tal-imsemmija art tul dawn is-snin kollha; (iii) issib li d-dewmien fid-determinazzjoni tal-proċeduri tal-kumpens li suppost kellhom jittieħdu mill-awtoritajiet wara t-teħid b'esproprju ta' biċċa mill-imsemmi art (Plot 13) li ttieħdet biex twessgħet Triq Dun Karm, fl-Imsida, u li minkejja li għaddew tmienja u tletin (38) sena għadhom ma wasslu għall-ħlas tal-ebda kumpens, jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom li jingħataw kumpens xieraq bis-saħħa ta' proċeduri mmexxija fi żmien raġonevoli; u (iv) tikkundanna lill-intimati, jew lil min minnhom, biex iħallsuhom dawk id-danni li jistgħu jkunu likwidati bi ħlas tal-ksur tal-jeddijiet imsemmija. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Jannar, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-7 ta' Frar, 2014, li biha l-intimati laqgħu għall-azzjoni attriċi billi warrbu l-ilmenti tar-rikorrenti, għaliex jgħidu li huma ma għamlu xejn li b'xi mod sata' wassal biex jinkisru l-jeddijiet tar-rikorrenti. B'mod preliminari, jgħidu (i) li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtihom il-liġi bit-teħid tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet b'mod li din il-Qorti għandha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond ma jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li (ii) kemm l-intimat Avukat Ġenerali u kif ukoll l-intimat Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża għaliex jew hemm ħaddieħor mill-intimati l-oħrajn li jidher għad-dipartiment relattiv jew għaliex huma ma kienu mdaħħla f'xejn fil-proċess tat-teħid tal-art mertu tal-każ jew ta' x'sar jew ma sarx minnha wara t-teħid; li (iii) għall-finijiet tal-jedd imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni jħarsu l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta minn kull sejbien ta' ksur ta' l-imsemmi jedd; (iv) li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li fuqu r-rikorrenti jserrħu l-ilment tagħhom ma jagħtix jedd sostantiv ta' ħarsien għall-ilmenti tal-istess rikorrenti, iżda huwa biss dikjarazzjoni ta' prinċipju; u (v) li r-rikorrenti jridu jressqu prova li huma tassew is-sidien tal-art meħuda. Fil-mertu, l-intimati laqgħu billi qalu li, dwar it-teħid tal-qatgħa numru sitta u għoxrin (26) matul iż-żmien kollu li dik l-art kienet ilha meħuda, l-antenati tar-rikorrenti kienu ressqu biss att ġudizzjarju f'Novembru tal-1964 quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li bih ikkontestaw il-kumpens offert bla ma għamlu xejn aktar, filwaqt li b'hekk urew li kienu għarfu li l-art kienet ġiet esproprjata, u għalhekk safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti trid li l-Qorti ssib ma tiswiex id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, dak l-att ġudizzjarju (u kif ukoll l-ittra uffiċjali li r-rikorrenti ressqu f'Ottubru tal-2013) ixejjen l-ilment tagħhom. Żiedu jgħidu li l-art ittieħdet għal raġunijiet tajba fil-liġi, għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, raġunijiet li huma aċċettati bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika biex jassiguraw it-twettiq ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettività: kemm hu hekk, il-qatgħa art bin-numru 26 ittieħdet biex tinqeda biha l-Università ta' Malta u li, għalkemm ma nbnietx, xorta waħda tagħmel mill-kumpless tal-istess Università u qiegħda tintuża minnha bħala biċċa mill-"*campus*" tagħha li f'biċċa minnha għaddejja t-triq li ddawwar l-istess Università u li minn taħtha għaddejjin '*cables*' tas-servizzi li jaqdu kemm lill-istess Università, kemm l-Isptar pubbliku li hemm fl-inħawi u kif ukoll lil djar ta' abitazzjoni li jinsabu fil-qrib, minbarra li sservi bħala aċċess għall-kumpless sportiv tal-istess Università. Dwar din l-istess qatgħa art, l-intimati jgħidu li taħtha għaddejja wkoll mina biex minnha jgħaddu s-servizzi tal-korporazzjoni li tipprovdi d-dawl u li jekk xi darba jista' jsir xi żvilupp tagħha, dan se jkun biss b'rabta mat-tkabbir tal-Università u ma jista' jsir ebda żvilupp jew użu tagħha fl-interess tar-rikorrenti jew ta' terzi persuni privati. L-intimati

jżidu jgħidu li tressqet talba mal-awtorità tal-Ippjanar kompetenti dwar proġett ta’ interess pubbliku li jrid juża minn dik l-art. Temmew jgħidu li r-rikorrenti lanqas jistgħu jilmentaw minn ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq minħabba li l-proċeduri quddiem it-tribunal kompetenti ilhom li ttieħdu u mhux ħtija tagħhom li għadhom ma ntemmux;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-20 ta’ Mejju, 2015[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u sabet li kellha tibqa’ twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ u tqis l-ilmenti tar-rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Lulju, 2016[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ x-xhieda fil-kontro-eżami tar-rikorrenti Anna Maria Calleja;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Jannar, 2017[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-7 ta’ April, 2017[4];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fis-17 ta’ Awwissu, 2017[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Ottubru, 2017, li bih ordnat il-bidla fl-“okkju” tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Ottubru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġġ. 66 sa 75 tal-proċess
[2] Paġ. 156 tal-proċess
[3] Paġ. 177 tal-proċess
[4] Paġġ. 171 sa 196 tal-proċess
[5] Paġġ. 201 sa 213 tal-proċess

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali ta' tgawdija paċifika ta' ġid privat, b'riżultat ta' esproprju ta' art tar-rikorrenti u tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Ir-rikorrenti jgħidu li art fil-limiti tal-Imsida li kienet ġid tal-awturi tagħhom fit-titolu kienet ittieħdet b'esproprju, iżda, filwaqt li biċċa kbira minnha baqa' ma sarx użu minnha għall-iskop li għalih ittieħdet, dwar il-biċċa art li ntużat bħala parti mit-twessigħ tat-triq pubblika għadhom sallum ma ngħatawx kumpens xieraq għaliha. Iridu li l-Qorti ssib li d-dikjarazzjoni magħmula taħt l-artikolu 3 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma tiswiex u b'hekk iridu li l-art li ma ntużatx għall-iskop li għalih ittieħdet tintradd lura lilhom. Huma jridu li l-Qorti ssib ukoll li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom li jingħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-art li ntużat għall-proġett tat-twessigħ tat-triq pubblika bla ma għadhom tħallsu l-kumpens xieraq tagħha wara dawn is-snin kollha;

Illi għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu billi jiċħdu li r-rikorrenti tabilħaqq ġarrbu ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet minnhom imsemmija, għaliex jgħidu li huma ma għamlu xejn li b'xi mod sata' wassal biex jinkisru l-jeddijiet tar-rikorrenti. B'mod preliminari, jgħidu (i) li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtihom il-liġi bit-teħid tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet b'mod li din il-Qorti għandha tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond ma jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li (ii) kemm l-intimat Avukat Ġenerali u kif ukoll l-intimat Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża għaliex jew hemm ħaddieħor mill-intimati l-oħrajn li jidher għad-dipartiment relattiv jew għaliex huma ma kienu mdaħħla f'xejn fil-proċess tat-teħid tal-art mertu tal-każ jew ta' x'sar jew ma sarx minnha wara t-teħid; li (iii) għall-finijiet tal-jedd imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni jħarsu l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta minn kull sejbien ta' ksur ta' l-imsemmi jedd; (iv) li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li fuqu r-rikorrenti jserrħu l-ilment tagħhom ma jagħtix jedd sostantiv ta' ħarsien għall-ilmenti tal-istess rikorrenti, iżda huwa biss dikjarazzjoni ta' prinċipju; u (v) li r-rikorrenti jridu jressqu prova li huma tassew is-sidien tal-art meħuda. Fil-mertu, l-intimati laqgħu billi qalu li, dwar it-teħid tal-qatgħa numru sitta u għoxrin (26) matul iż-żmien kollu li dik l-art kienet ilha meħuda, l-antenati tar-rikorrenti kienu ressqu biss att ġudizzjarju f'Novembru tal-1964 quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li bih ikkontestaw il-kumpens offert bla ma għamlu xejn aktar, filwaqt li b'hekk urew li kienu għarfu li l-art kienet ġiet esproprjata, u għalhekk safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti trid li l-Qorti ssib ma

tiswiex id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, dak l-att ġudizzjarju (u kif ukoll l-ittra uffiċjali li r-rikorrenti ressqu f'Ottubru tal-2013) ixejjen l-ilment tagħhom. Żiedu jgħidu li l-art ittieħdet għal raġunijiet tajba fil-liġi, għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, raġunijiet li huma aċċettati bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika biex jassiguraw it-twettiq ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettività: kemm hu hekk, il-qatgħa art bin-numru 26 ittieħdet biex tinqeda biha l-Università ta' Malta u li, għalkemm ma nbnietx, xorta waħda tagħmel mill-kumpless tal-istess Università u qiegħda tintuża minnha bħala biċċa mill-"*campus*" tagħha li f'biċċa minnha għaddejja t-triq li ddawwar l-istess Università u li minn taħtha għaddejjin '*cables*' tas-servizzi li jaqdu kemm lill-istess Università, kemm l-Isptar pubbliku li hemm fl-inħawi u kif ukoll lil djar ta' abitazzjoni li jinsabu fil-qrib, minbarra li sservi bħala aċċess għall-kumpless sportiv tal-istess Università. Dwar din l-istess qatgħa art, l-intimati jgħidu li taħtha għaddejja wkoll mina biex minnha jgħaddu s-servizzi tal-korporazzjoni li tipprovdi d-dawl u li jekk xi darba jista' jsir xi żvilupp tagħha, dan se jkun biss b'rabta mat-tkabbir tal-Università u ma jista' jsir ebda żvilupp jew użu tagħha fl-interess tar-rikorrenti jew ta' terzi persuni privati. L-intimati jżidu jgħidu li tressqet talba mal-awtorità tal-Ippjanar kompetenti dwar proġett ta' interess pubbliku li jrid juża minn dik l-art. Temmew jgħidu li r-rikorrenti lanqas jistgħu jilmentaw minn ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq minħabba li l-proċeduri quddiem it-tribunal kompetenti ilhom li ttieħdu u mhux ħtija tagħhom li għadhom ma ntemmux;

Illi bis-sentenza *in parte* tal-20 ta' Mejju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll werrieta jew aventi kawża mill-Avukat Filippo Nicolo' u Spiżjar Salvatore, aħwa Buttiġieġ. Tal-ewwel kellu tliet ulied filwaqt li t-tieni miet għażeb u bla wlied u wirtuh ulied ħuh. Fost il-ġid li kienu wirtu l-imsemmija aħwa Buttiġieġ, kien hemm art fl-inħawi magħrufa bħala "*Tal-Għargħar*" jew "*Ta' Gjalpos*" qrib l-Imsida li b'kollox għandha kejl ta' sitt itmien, siegħ u sitt kejliet u nofs (6T 1S 6.5K)[6];

Illi mill-provi mressqa, ir-rikorrenti bejniethom wirtu l-imsemmija art f'ishma mhux maqsuma rispettivi[7];

Illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Awwissu, 1961[8], dehret dikjarazzjoni (numru 357) magħmula fl-4 ta' Awwissu ta' dik l-istess sena mill-Gvernatur għall-finijiet tal-artikoli 3 u 8(1) tal-Ordinanza dwar l-

[6] Li jġibu qrib 7,053.87 metri kwadri
[7] Ara Dokti "B", "AB2" u "MB" f'paġġ. 84 – 5, 100 – 2 u 116 – 8 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġ. 27 tal-proċess

Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[9] dwar l-imsemmija art (porzjoni numru sitta u għoxrin) flimkien ma' artijiet oħrajn fl-inħawi li kienu qegħdin jittieħdu b'titolu ta' xiri assolut għal għan pubbliku. L-art kienet indikata li kienet tal-imsemmi Spiżjar Salvatore Buttiġieġ. Dik il-ħabta kien maħsub li fl-inħawi tinbena l-Università ta' Malta;

Illi fl-10 ta' Ottubru tal-1961[10], in-Nutar tal-Gvern bagħat jgħarraf lill-Ispiżjar Buttiġieġ li l-Gvern kien qiegħed joffri kumpens ta' ħames mija u żewġ liri xelin u erba' soldi (£ 502.1s.4d) u talbu biex jagħtih tagħrif sħiħ dwar is-sidien kollha tal-art, dwar jekk hemmx piżijiet jew ċnus fuq l-imsemmija art u jekk kienx qiegħed jaċċetta l-kumpens offert;

Illi b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 1964[11], il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat jgħarraf lill-aħwa Buttiġieġ dwar il-kumpens imsemmi u tahom żmien biex jiddikjaraw jilqgħux il-kumpens jew li jgħidu kemm jidhrilhom li kellu jkun il-kumpens xieraq u kif waslu għal dan. Għall-imsemmija ittra uffiċjali l-aħwa Buttiġieġ wieġbu billi qalu li l-kumpens offert kien baxx wisq u li kien fi ħsiebhom jiżviluppaw huma l-istess art b'mod li jekk tittieħed l-art kif maħsuba, ma kienx ser jifdlilhom biżżejjed art biex jistgħu jiżviluppaw dak l-art tagħhom li mhux ser tkun ittieħdet. Huma ppretendew kumpens ta' ħamest elef lira (£5,000) maħduma bir-rata ta' żewġ xelini (2/-) kull qasba kwadra kapitalizżati bir-rata tat-tlieta fil-mija (3%)[12];

Illi minħabba dan in-nuqqas ta' qbil, infetħet kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġi dwar l-Artijiet, liema kawża baqgħet qatt ma nqatgħet għaliex, f'Jannar tal-1976, l-aħwa Buttiġieġ talbu li s-smigħ imur *sine die* sakemm jintemmu proċeduri oħrajn dwar art fil-qrib. F'xi żmien matul l-1982, ulied il-mejjet Avukat Filippo Nicolo' Buttiġieġ bagħtu jgħarrfu lill-Kummissarju intimat li kienu qegħdin jaċċettaw il-kumpens offert u talbuh jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u l-ħlas lilhom tal-kumpens għall-għorfa li kien hemm f'parti mill-art meħuda u l-imgħaxijiet relattivi b'seħħ minn meta kienet ittieħdet l-art[13];

Illi f'Diċembru tal-1985[14], id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi – li dak iż-żmien kien inkarigat bit-tfassil u l-iffurmar ta' toroq pubbliċi – talab lill-Kummissarju tal-Artijiet biex iniedi l-proċeduri għat-teħid ta' artijiet b'rabta mat-twessigħ ta' Triq Dun Karm (dak iż-żmien imsejħa wkoll informalment il-

[9] Dak iż-żmien il-Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kap 88)
[10] Dok "B", f'paġ. 29 tal-proċess
[11] Dok "Ċ", f'paġ. 30 tal-proċess
[12] Dok "E", f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[13] Dok "Ġ", f'paġ. 35 tal-proċess
[14] Dok "DG1", f'paġġ. 144 – 5 tal-proċess

*Bypass* ta' Birkirkara). It-talba kienet imtennija f'Ottubru ta' sentejn wara[15] b'xi tibdil fil-pjanijiet dwar l-istess triq;

Illi b'Avviż li deher fil-ħarġa tal-24 ta' Mejju, 1988[16] tal-Gażżeta tal-Gvern (Avviż Nru. 381), li xandar Dikjarazzjoni tal-Aġent President tar-Repubblika tas-17 ta' Mejju ta' dik l-istess sena, biċċiet oħrajn ta' art – fosthom qatgħa art numru tlettax (13) tar-rikorrenti – kienu qegħdin jittieħdu għal skop pubbliku ta' twessigħ ta' triq u b'xiri assolut;

Illi r-rikorrenti ressqu provi (kemm b'xiehda u kif ukoll b'dokumenti[17]) li l-art li ttieħdet fl-1961 (jiġifieri qatgħa 26) baqgħet ma ntużatx għal bini tal-2012. Għall-bosta snin wara li l-art ittieħdet, is-sidien kienu ħallew lill-familja Debono bħala gabillotti jaħdmu l-istess art[18]: imma ma baqgħetx titħallas qbiela. Biċċa sewwa mill-imsemmija qatgħa kienet tintuża bħala raba' għat-tkabbir tal-uċuħ. Minn meta nbniet l-Università, l-art u artijiet oħrajn ta' terzi li kienu ttieħdu u ma kinux għadhom żviluppati, tħallew jibqgħu jinħadmu imma taħt sempliċi tolleranza. Kien biss lejn l-aħħar tal-2009 li l-Università ordnat lil Carmelo Debono li joħroġ mir-raba'. Il-parti tal-qatgħa 26 li hija raba' qed jingħad li tinħadem mill-ġardinara impjegati tal-Università[19]. Madankollu, l-Università ressqet ukoll provi li juru li, minn taħt parti mill-imsemmija qatgħa 26, għaddejjin servizzi ta' drenaġġ jew servizzi oħra mhux biss għall-ħtiġijiet tal-istess Università, imma wkoll għall-Isptar *Mater Dei* li jinsab fil-qrib[20];

Illi f'Lulju tal-2012[21], l-Università ressqet talba quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex fil-medda tal-qatgħa art 26 testendi binja magħmula minn parkeġġ ta' taħt l-art, laboratorji, *workshops* u uffiċini[22]. It-talba ntlaqgħet fl-aħħar ta' Lulju, 2014;

Illi f'Ottubru tal-2013[23], ir-rikorrenti ressqu ittra uffiċjali kontra l-intimati li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, interpellawhom biex iroddulhom lura l-art li ma kenitx intużat u biex iħallsuhom il-kumpens xieraq għal dik l-art li kienet ittieħdet u għaż-żmien li kienet inżammet parti oħra mill-art bla ma ntużat għall-iskop li għaliha kienet ittieħdet;

Illi billi ma kienx hemm eżitu kif riedu r-rikorrenti, huma fetħu din il-kawża f'Jannar tal-2014;

---

[15] Dok "DG1.5", f'paġġ. 146 – 7 tal-proċess
[16] Dok "DG2", f'paġġ. 148 sa 150 tal-proċess
[17] Dokti "E" sa "G", f'paġġ. 85 sa 90 tal-proċess
[18] Affidavit ta' Carmelo Debono Dok "AB1", f'paġ. 99 tal-proċess
[19] Xhieda tal-A.I.Ċ. Christopher Spiteri fil-kontro-eżami f'paġġ. 132 – 3 tal-proċess
[20] Ara Dok "CS4", f'paġ. 168 tal-proċess
[21] Dok "CS3", f'paġġ. 126 – 8 tal-proċess
[22] Xhieda tal-A.I.Ċ. Christopher Spiteri f'paġġ. 130 – 1 u 138 tal-proċess
[23] Dok f'paġġ. 7 – 8 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ il-Qorti tqis li jkun xieraq li, qabel tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu, tikkunsidra l-**eċċezzjonijiet preliminari** li dwarhom għadha ma ngħatatx deċiżjoni u li l-intimati baqgħu ma rtirawx;

Illi sejra tibda billi tqis is-**sitt eċċezzjoni** li biha l-intimati jitolbu li r-rikorrenti juru tabilħaqq li huma sidien tal-art li dwarha jgħidu li ġarrbu l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;

Illi mill-atti miġbura tal-kawża ntwera sewwa liema hija l-art li dwarha r-rikorrenti fetħu din il-proċedura u li dwarha kienu nħarġu d-Dikjarazzjonijiet ta' esproprju. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni lanqas li, sallum, is-sidien għadhom ma ngħatawx il-kumpens għat-teħid tal-art imsemmija u lanqas għadhom intemmu l-proċeduri għat-trasferiment b'titolu assolut tal-imsemmija art, kif dikjarat meta tħabbar it-teħid tal-art. Il-Qorti qiegħda tifhem ukoll li l-intimati ma għadhomx imieru l-fatt li r-rikorrenti huma, fl-ishma rispettivi tagħhom, is-sidien tal-art in kwestjoni kif jidher mill-provi mressqa mill-istess rikorrenti u li ma ġew bl-ebda mod kontrastati mill-intimati;

Illi mill-imsemmija provi joħroġ ċar mhux biss li r-rikorrenti (bħala werrieta fit-titolu tas-sidien oriġinali u aventi kawża minnhom) huma s-sidien tal-art, imma seħħilhom ukoll juru x'inhuma l-ishma rispettivi tagħhom u li, miġbura flimkien, huma s-sidien kollha tal-imsemmija art;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda ssib li r-rikorrenti seħħilhom iwieġbu kif imiss għall-imsemmija eċċezzjoni;

Illi għar-rigward tat-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari**, l-intimati jgħidu li l-Avukat Ġenerali u kif ukoll id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet tħarrku għalxejn billi tal-ewwel ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod u fl-ebda ħin mal-ġrajjiet li wasslu għat-teħid tal-art u lanqas għal dak li seħħ wara l-istess teħid, filwaqt li tat-tieni kien imdaħħal biss fit-talba biex tittieħed l-art għall-formazzjoni ta' triq ġdida(jew aħjar, it-twessigħ tagħha) u dan kollu sar u twettaq kif titlob il-liġi. Huma jsejsu din l-eċċezzjoni fuq dak li jgħid l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar dawn l-eċċezzjonijiet;

Illi bl-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, l-intimati qegħdin jgħidu li l-azzjoni setgħet titressaq u l-ġudizzju jkun sħiħ li kieku saret biss kontra l-intimati Kummissarju tal-Artijiet u l-Università ta' Malta;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tidħol f'ħafna konsiderazzjonijiet dottrinali dwar min hu l-kontradittur leġittimu f'kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Tagħraf biss li l-azzjoni li għandha quddiemha ma titlob bl-ebda mod is-sejbien li xi parti mil-liġi nnifisha qiegħda tikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti[24]. Wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha li jinsabu fl-atti tal-kawża, ħareġ ukoll li mkien ma ntwera x'sehem seta' kellu l-Avukat Ġenerali f'dawn il-ġrajjiet kollha. Biex ikun ingħad kollox, jidher li l-istess rikorrenti daħħlu fil-każ lill-intimat Avukat Ġenerali aktar biex iserrħu moħħhom li l-ġudizzju huwa sħiħ milli għaliex kellhom fehma sħiħa li huwa kien tabilħaqq il-persuna li kellha twieġeb għall-ilmenti tagħhom;

Illi forsi wieħed seta' jaħseb li l-Avukat Ġenerali messu kien kontradittur leġittimu minħabba li parti mill-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Imma lanqas f'dak ir-rigward ma jgħodd tali tħassib fil-każ tallum. L-ilment tar-rikorrenti safejn jidħol il-ksur ta' jedd tagħhom għal smigħ xieraq jirrigwarda l-fatt li sallum għadhom ma ntemmux il-proċeduri li kellhom jitnedew quddiem it-tribunal xieraq biex jintemm il-proċess tal-likwidazzjoni tal-kumpens li jistħoqqilhom jirċievu minħabba t-teħid tal-art tagħhom. Dwar dan, il-kontradittur leġittimu huwa l-intimat Kummissarju tal-Artijiet (u illum, minfloku daħlet u assumiet l-atti l-Awtorità tal-Artijiet) li l-liġi tqiegħed fuqu l-obbligu li jniedi u jmexxi l-proċeduri quddiem it-tribunal kompetenti biex dak il-proċess jitwassal għal tmiemu;

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar l-intimat Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet. Mill-provi mressqa, l-imsemmi intimat kien imdaħħal biss fit-talba li għamel lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet biex jibda l-proċess għat-teħid ta' qatgħat ta' art biex minn fuqhom tgħaddi triq pubblika ġdida (jew titwessa' dik li kien hemm diġà). Talba bħal din riedet tabilfors issir mid-Direttur u r-rikorrenti ma ressqu l-ebda lment jew prova li talba bħal dik saret għal xejn jew bi ksur tal-liġi. Għall-kuntrarju, s-sehem tal-istess Direttur kienet limitata għat-teħid tal-art tar-rikorrenti li jolqot il-qatgħa art numru 13, u ntwera li dak it-teħid issarraf fil-formazzjoni tat-twessigħ ta' Triq Dun Karm kif kien talab. L-istess rikorrenti jagħrfu li dak it-teħid kien wieħed għal skop pubbliku u l-ilment tagħhom dwar dak it-teħid jintrabat man-nuqqas ta' ħlas ta' kumpens u mhux mas-siwi tar-raġuni tat-teħid;

[24] Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et***

Illi għalhekk, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tqis li kemm l-Avukat Ġenerali u kif ukoll id-Direttur Ġenerali mhumiex il-kontradItturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u sejra teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju u milli jibqgħu aktar fil-kawża;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari huma tajba u sejra tilqagħhom;

Illi f'dak li għandu x'jaqsam mar-**raba' eċċezzjoni preliminari** l-intimati jgħidu li l-ilment tar-rikorrenti ma jista' qatt jinbena fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, għaliex dak l-artikolu ma jaħlaqx jedd fundamentali li jista' jitħares, imma jikkonsisti biss f'dikjarazzjoni ta' prinċipju;

Illi f'dan ir-rigward ukoll, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar l-eċċezzjoni u lanqas dwar x'wassalhom biex jilmintaw minn ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt dak l-artikolu;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tgħid li għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni"[25]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikolu l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV;

Illi minħabba f'hekk, issib li l-eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa' u għalhekk mhijiex sejra tqis l-ilmenti tar-rikorrenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi jifdal li titqies il-**ħames eċċezzjoni preliminari**. B'dik l-eċċezzjoni, l-intimati jgħidu li l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx safejn l-azzjoni tar-rikorrenti tintrabat ma' ksur tal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni minħabba xi għemil meħud taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, bħalma kien il-każ fit-teħid tal-art tar-rikorrenti;

Illi hawnhekk ukoll, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni biex jirribattu jew għall-anqas jagħtu l-fehma tagħhom dwar is-siwi tal-ilment tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

[25] Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru***

Illi fir-rigward tal-ilment taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, tajjeb jingħad li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-teħid seħħ taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta[26] liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962[27]. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li: "*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...*". Dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux jgħoddu biss jekk kemm-il darba xi liġi bħal dik (i) iżżid mal-għamliet ta' ġid li jista' jittieħed għal skop pubbliku jew li tolqot xi jeddijiet jew interessi fuq ġid bħal dak; jew (ii) iżżid mal-għanijiet li għalihom jew maċ-ċirkostanzi li fihom dak il-ġid jista' jittieħed; jew (iii) tagħmel aktar iebsa l-kundizzjonijiet li taħthom jitħallas kumpens xieraq għal teħid ta' ġid bħal dak; jew (iv) iċċaħħad xi persuna mill-jedd għall-aċċess għal qorti jew tribunal għall-ħlas ta' kumpens xieraq jew mid-dritt tal-appell mid-deċiżjoni minn qorti jew tribunal bħal dak, kif imfissra fl-artikolu 37(1)(b) u (ċ) tal-Kostituzzjoni;

Illi l-ebda waħda mill-premessi fir-Rikors promotur fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha llum ma taqa' taħt xi waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni u daqstant ieħor l-ebda waħda minn dawk il-premessi jew mit-talbiet ma tattakka l-liġi nnifisha jew is-siwi tat-tħaddim tagħha. Dan ifisser għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-ilment tar-rikorrenti safejn imsejjes fuq il-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintlaqa' sewwasew minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta li taħthom saret l-ordni tal-esproprju tal-art mertu tal-każ huma mħarsin mill-Kostituzzjoni nnifisha minn dak li jipprovdi l-artikolu 37 tagħha[28];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa' billi l-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikoli minnhom imsemmija tal-Kostituzzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni attriċi** u l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** għal dik l-azzjoni, jerġa' jingħad li t-talbiet tar-rikorrenti huma biex il-Qorti (a) ssib li l-art ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 6 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (b) issib li l-esproprjazzjoni ma tiswiex u b'hekk tħassarha u tordna li l-art

[26] Ord. XL tal-1935 tat-8 ta' Ottubru, 1935 (kif emendata)
[27] Fiż-żmien tal-ewwel Dikjarazzjoni, l-imsemmija Ordinanza kienet il-Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta
[28] Ara Kost. **10.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Rene' Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Art et***; u Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et***

tintradd lura lilhom; u (ċ) biex f'kull każ, l-intimati, jew min minnhom, iħallsuhom kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba dak il-ksur;

Illi xieraq jingħad ukoll li r-rikorrenti jisħqu li mhuwiex minnu li l-art ittieħdet għal skop pubbliku u li għal snin twal ma sarx minnha użu kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni li biha kien mgħarraf uffiċjalment it-teħid. B'żieda ma' dan, jgħidu li l-azzjoni tagħhom tintrabat mal-ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom u l-ħarsien minn teħid bla kumpens xieraq. Ma humiex jilmintaw minn ksur ta' xi jedd fundamentali ieħor kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar **ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom**. Kif ingħad qabel, dan l-ilment tar-rikorrenti jrieġi fuq żewġ dispożizzjonijiet, u jiġifieri l-artikoli 32(a) u 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti diġà tat il-fehma tagħha dwar is-siwi tal-azzjoni tar-rikorrenti safejn mibnija fuq il-ksur tal-artikoli tal-Kostituzzjoni msemmija. Ma għandhiex għalfejn iżżid ma' dawk il-kunsiderazzjonijiet;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ issa l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li: "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[29], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġà[30] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-

[29] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61
[30] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi[31];

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[32]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*"[33]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[34];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[35], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[36]. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[37];

Illi tajjeb li jkun ippreċiżat li l-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-Kap 88 jista' jkun li, bis-saħħa tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, ma jistgħux jitqiesu li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni, dan ma jfissirx li l-Kap 88 "jaħrab" ukoll mill-iskrutinju tal-Konvenzjoni[38]. Din il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar it-teħid ta' ħwejjiġhom skond il-Kap 88 sewwasew taħt dan l-artikolu tal-Konvenzjoni;

---

[31] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)
[32] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8
[33] *Ibid.* f'paġ. 528
[34] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)
[35] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[36] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[37] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2007) paġ. 501 §IIB – 337
[38] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

Illi l-ilment ewlieni tar-rikorrenti f'dan il-każ hu li t-teħid tal-qatgħa art bin-numru 26 miksuba minnhom b'wirt mingħand l-awturi tagħhom ma kienx tassew magħmul b'għan ta' użu pubbliku kif trid il-liġi, tant li għaddew snin kbar minn mindu dik l-art ittiħditilhom u sallum baqa' ma sarx minnha użu pubbliku (ħlief għal strixxa ċkejkna minnha li minn fuqha tgħaddi r-'*ring road*' tal-Università). Min-naħa l-oħra l-intimati jiċħdu dan kollu: huma jgħidu li mhux biss l-art ittieħdet għal għan pubbliku marbut mat-tkabbir tal-ambjenti tal-Università, imma wkoll li sar u qiegħed isir użu minn dik l-art u hemm proġettat użu akbar minnha u nħarġu l-permessi min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti biex dan isir, dejjem fl-interessi tat-tkabbir u t-titjib tal-bini tal-Università;

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti u l-ilment li għadu kemm issemma ma jolqotx it-teħid tal-qatgħa art bin-numru 13, u dan għaliex l-atturi nfushom jaċċettaw li dik il-qatgħa art ittieħdet (flimkien ma' qatgħat ta' art ta' ħaddieħor) biex twessgħet Triq Dun Karm u ntużat sewwasew għalhekk. L-ilment tar-rikorrenti dwar it-teħid tal-art numru 13 huwa dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' kumpens sallum minkejja dak it-teħid. Dwar dan, il-Qorti tittratta aktar 'il quddiem;

Illi l-Qorti tagħraf li biċċa sewwa minn dik il-qatgħa art 26 ma kenitx intmesset (għall-anqas mill-wiċċ tagħha li jidher) sa bosta snin wara li ttieħdet. Dan joħroġ minn provi mressqa mir-rikorrenti. Jirriżulta wkoll li, għall-anqas, sal-2009, il-biċċa minn dik l-art li kienet magħmula minn raba', kien baqa' jinħadem minn gabillott (u l-familja tiegħu) li kellhom il-qbiela dak iż-żmien li l-art ittieħdet bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur. Huwa fuq dawn l-aspetti li r-rikorrenti jisħqu l-aktar biex iwasslu l-argument tagħhom li t-teħid sar għalxejn u għalhekk ma baqax aktar teħid għal għan jew skop pubbliku;

Illi bil-kliem "*skop pubbliku*" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) . Illum il-ġurnata huwa aċċettat li t-tifsira ta' "*skop pubbliku*" li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[39], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan

[39] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**); ara wkoll Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) § 60

pubbliku[40]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku[41];

Illi ngħad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittieħed biex isir minnha użu kummerċjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' ħtieġa pubblika jew interess pubbliku[42]. Dak li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh hu li meta t-teħid ma jkunx finalizżat b'mod sħiħ, l-interess pubbliku jew ġenerali jrid jibqa' fis-seħħ sa ma jintemm dak l-akkwist. Wieħed mistenni wkoll jagħraf bejn l-implikazzjonijiet tal-kunċett tal-għan pubbliku minn dawk marbuta mal-kunċett ta' interess pubbliku[43];

Illi huwa fid-dawl ta' din il-qagħda li l-Qorti għandha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur imġarrab minnhom tal-jedd imħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-eżerċizzju li għandha tagħmel f'dan il-każ huwa dak li tqis jekk kemm-il darba kienx hemm ksur tal-jedd tagħhom għat-"tgawdija paċifika tal-possedimenti" tagħhom f'każ li l-għemil ma jkunx wieħed ta' **teħid** (fis-sens ta' ċaħda jew, fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-ġid imma ta' **ndħil** f'dik it-tgawdija. Jekk jirriżulta li kien hemm teħid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-teħid kienx maħsub fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali **u** kif ukoll jekk dan ikunx sar b'ħarsien ta' liġi domestika u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali;

Illi mhux l-ewwel darba li, f'teħid ta' ġid minħabba proġetti infrastrutturali kbar, l-Istat ikun ħa art akbar mill-ħtiġijiet immedjati tal-proġett imma bil-ħsieb li jkun hemm fejn iwessa' l-proġett fil-ġejjieni jekk tqum il-ħtieġa. Dan ukoll qajjem il-kwestjoni dwar safejn dawn il-ħtiġijet possibbli għall-espansjoni jistgħu jittieħdu bil-ħsara li jġarrbu s-sidien tal-artijiet hekk meħuda għal bosta snin. Kif ingħad mill-Q.E.D.B. f'każijiet bħal dawn, kien iseħħ ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fejn ikun għadda żmien twil bejn meta l-art tkun ittieħdet u t-twettiq tal-proġett fl-interess pubbliku li minħabba fih ikun sar dak it-teħid. Ingħad li "*While the placing in reserve of expropriated property, even for a long period of time, does not necessarily entail a breach of Article 1 of Protocol No. 1, there is clearly an issue under that provision where such an action is not itself based on public-interest grounds and where, during that period, the property in question*

[40] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15.10.2008)
[41] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)
[42] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali***
[43] Ara, per eżempju, Kost **10.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.139**), App. Ċiv. **30.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.390**) u Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) għat-tifsira bejn « skop » u « interess » pubbliku

*generates a significant increase in value of which the former owners are deprived*"[44];

Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawża l-Qorti tasal għall-fehma li fiż-żmien li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur fl-1961, l-għan li għalih ittieħdet il-qatgħa art numru 26 kien wieħed ċar u preċiż – dik l-art, flimkien ma' meded art oħrajn fil-madwar – ittieħdet biex hemmhekk tinbena l-Università. Dak il-proġett ma hemmx dubju li kellu għan pubbliku u kien magħmul fl-interess pubbliku li jagħti lill-pajjiż post fejn l-ogħla istituzzjoni edukattiva ta' Malta setgħet tinbena minflok dik li kien hemm fil-Belt Valletta u li kienet ċkienet wisq għall-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien . Kien maħsub ukoll li kien għaqli li tittieħed art biex tagħmel tajjeb f'każ ta' tkabbir li seta' jkun meħtieġ 'il quddiem jekk u meta l-bżonnijiet tal-Università jitolbu hekk. Dak il-proġett ma damx ma beda jitwettaq. Madankollu, kien hemm qatgħat imdaqqsa mill-artijiet meħuda li fid-dieher baqgħu ma ntmessewx għal bosta snin. Huwa fatt magħruf ukoll, madankollu, li l-kumpless tal-'*campus*' tal-Università matul is-snin baqa' jikber u jitwessa' b'binjiet jew strutturi ġodda sallum. Daqstant ieħor, il-kumpless universitarju ma kienx maħsub li jkun meħud kollu b'binja, imma kien jaħseb biex meded xierqa jitħallew bħala spazji jew wesgħat miftuħa fejn l-istudenti u dawk li jaħdmu f'dik l-istituzzjoni jkollhom fejn jistrieħu jew jinqdew b'faċilitajiet għall-parkeġġ ta' vetturi;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jaqgħu sewwasew f'dawk il-kunsiderazzjonijiet li qorti trid tqis meta tiġi biex tgħarbel l-ilment tas-sidien li tkun itteħditilhom l-art u l-għanijiet dikjarati ta' dak it-teħid[45]. Sakemm l-Istat juri kif jixraq u għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li hemm utilità pubblika fit-teħid tal-ġid li jkun u sakemm l-għan tat-teħid ma jitħalliex biss bħala ħsieb ipotetiku ta' ħtieġa potenzjali, it-teħid fl-interess pubbliku għandu jitqies li jkun ippruvat kif imiss[46];

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ssib li l-Università intimata seħħilha tressaq provi tajbin biżżejjed biex turi li, minkejja li l-qatgħa art 26 ma nbnietx, kien hemm użu fiha marbut sfiq mal-għan li għalih kienet ittieħdet. Fost dan l-użu, hemm dak infrastrutturali ta' għoti ta' servizzi mgħoddijin minn taħt biċċa sewwa mill-art meħuda u li huma ta' xejra ewlenija w essenzjali għall-istess Università u proġetti nazzjonali oħrajn li jinsabu fl-inħawi;

Illi fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti li l-art meħuda ma ntużatx tassew għall-għan li għalih ittieħdet u wisq anqas li kienet ittieħdet għal għan pubbliku li ma kienx jeżisti. Għalhekk, safejn

---

[44] Q.E.D.B. **2.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Motais de Narbonne vs Franza*** (Applik Nru. 48161/99) § 21 u Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) §§ 61 – 2

[45] Ara Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Curmi vs Malta*** (Applik. Nru. 2243/10) § 44

[46] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

l-ewwel talba tagħhom trid li l-Qorti ssib li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur titqies li hija bla effett, ma ssibx li hija mistħoqqa u mhix se tilqagħha;

Illi r-rikorrenti jilmintaw li hemm nuqqas ta' bilanċ fid-deċiżjoni tat-teħid tal-art li tteħditilhom meta mqabbel man-nuqqas ta' użu mill-Istat ta' dik l-art għal bosta snin. Wieħed mill-kejl li maż-żmien tqiesu biex wieħed jara jekk persuna ġarrbitx ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa dak tal-proporzjonalità bejn it-teħid tal-ġid u t-tbatija tal-persuna mċaħħda minn ġidha. Jidher li fit-tifsira mogħtija lill-kwestjoni taż-żamma tal-bilanċ xieraq bejn l-interess tal-kollettività (l-interess pubbliku) u l-jeddijiet tal-persuna li ħwejjiġha jkunu ttieħdu mill-awtorità pubblika, wieħed irid jara jekk tali persuna kellhiex aċċess għal għodda xierqa li biha setgħet tqassar iż-żmien li fih il-proċess tat-teħid (u l-konsegwenzjali ħlas ta' kumpens xieraq) jinġieb fi tmiemu[47]. Dan jingħad għaliex "*the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interference complained of, even where these interferences were prima facie incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach*"[48];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tara li f'dan il-każ jista' jkun ta' xkiel in-nuqqas ta' teħid ta' passi ġudizzjarji xierqa min-naħa tar-rikorrenti għal tul ta' żmien biex jingħataw rimedju xieraq għall-ilment tagħhom. Tneħħi l-interpellazzjoni ġudizzjarja tagħhom fis-sura ta' ittra uffiċjali erba' xhur qabel infetħet din il-kawża, qajla ttieħdu passi oħrajn konkreti biex l-isproporzjon li r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu jkun rimedjat b'mod effettiv. Fil-fehma tal-Qorti, dan idgħajjef il-każ tar-rikorrenti minn dan l-aspett;

Illi madankollu, għalkemm l-imsemmi artikolu ma jgħid xejn dwar il-kumpens, il-fatt li ma jkunx tħallas kumpens meta ttieħdet il-proprjetà jew ikun hemm dewmien kbir fl-għeluq tal-proċess għall-ħlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tqis jekk ikunx inżamm bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali[49]. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li "*compensation terms are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden. In this connection the Court holds that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value'* "[50];

---

[47] Ara, per eżempju, Q.E.D.B. **23.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Phocas vs Franza*** (Applik. Nru. 17869/91) § 60
[48] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak _Theory & Practice of the European Convention on Human Rights_ (4th Edit., 2006), f'paġ. 876
[49] Kost. **3.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Dottor David Tonna et vs Kummissarju tal-Artijiet***; u Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Curmi vs Malta*** (Applik. Nru. 2243/10) § 46
[50] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. Cit.*, paġ. 881

Illi dan il-kejl tqies ukoll mill-Q.E.D.B. f'bosta każijiet matul iż-żmien, u b'mod partikolari f'każ li qatgħet dwaru f'dawn l-aħħar żminijiet u li kien ukoll marbut ma' teħid ta' ġid f'każ li tressaq quddiemha minn Malta[51]. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-qagħda tar-rikorrenti twassal biex tabilħaqq joħroġ ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex minkejja li l-art ilha li ttieħdet minn taħt il-kontroll tagħhom sa mill-1961 (u fil-każ tal-qatgħa art numru 13 sa mill-1987), sallum l-istess rikorrenti baqgħu ma ngħataw l-ebda kumpens;

Illi huwa llum aċċettat li d-dewmien fil-proċess biex jitħallas il-kumpens u jsir it-trasferiment aħħari tat-titolu ta' art meħud b'esproprju huwa fih innifsu egħmil li jitfa' fuq is-sid esproprjat piż sproporzjonat għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[52]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li sa sebgħa u ħamsin (57) sena wara li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali li l-art tar-rikorrenti kienet sejra tittieħed b'titolu assolut, l-istess teħid għadu ma ntemmx. Hemm imbagħad il-fatt li tul dan iż-żmien kollu r-rikorrenti kienu mċaħħda għal kollox minn kull sura ta' kumpens jew dħul mill-użu tal-imsemmija art, ladarba l-użu wkoll ittieħed bis-saħħa tal-imsemmija dikjarazzjoni. Dan ma għandu jħalli l-ebda dubju li r-rikorrenti qegħdin iġorru piż sproporzjonat bi ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mqar minħabba f'hekk biss[53];

Illi min-naħa l-oħra, irid jingħad li kien biss wara bosta snin li r-rikorrenti talbu lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet biex jersaq għal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqgħu ma nqdewx bil-proċedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-proċess tal-ħlas tal-kumpens u x-xiri tal-art. Dan huwa fattur li l-Qorti trid tqisu meta tiġi biex tikkalibra l-ammont ta' kumpens morali mistħoqq[54];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ġarrbu u għadhom qegħdin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan minħabba l-fatt li s'issa, minkejja li għadda żmien twil minn mindu l-art ittieħdet mill-Gvern, ma ngħataw l-ebda kumpens. F'każijiet bħal dawn, l-għoti ta' kumpens fi flus huwa mistenni[55]. Għalkemm, f'dan il-każ, il-Qorti mhijiex qiegħda tiddetermina l-kumpens materjali tal-valur tal-art meħuda (għaliex din jixraq li tkun determinata fis-sedi xierqa u minnha jibbenefikaw ir-rikorrenti skond il-liġi fis-seħħ illum), hija tqis li r-rikorrenti jistħoqqilhom kumpens morali għall-ksur tal-jedd minnhom imġarrab. Meta qabblet il-fatturi kollha ewlenin (u li diġa` ssemmew aktar

[51] Q.E.D.B. **11.9.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***B. Tagliaferro & Sons Ltd et vs Malta*** (Applik. Nru. 75225/13) §§ 68 – 9
[52] Kost. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Azzopardi noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** u Kost. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Żammit et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** fost oħrajn
[53] Q.E.D.B. **6.11.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Malta*** (Applik. Nru. 28177/12) §§ 52 – 3
[54] Kost. **20.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Fenech et vs Kummissarju tal-Artijiet et***
[55] Kost. **30.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paola Farruġia et vs Kummissarju tal-Artijiet***

qabel f'din is-sentenza), u żżid magħhom il-kejl tal-art mertu tal-każ u d-dħul li minnu r-rikorrenti setgħu gawdew li kieku l-art baqgħet f'idejhom, u qabblithom ma' kumpensi mogħtija f'kawżi oħrajn, hija tasal għal-likwidazzjoni tas-somma ta' tletin elf euro (€ 30,000) favur ir-rikorrenti;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba tar-rikorrenti** dwar il-ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tosserva li r-rikorrenti ma għamlu l-ebda sottomissjoni dwar l-ilment tagħhom li t-teħid tal-art ġabilhom ukoll ksur tal-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti mhijiex qiegħda ssib li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur ta' dak il-jedd u mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba safejn mibnija fuq tali ksur;

Illi, madankollu, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq, għall-finijiet ta**t-tieni talba attriċi** ma ssibx li għandha tordna r-rilaxx favur ir-rikorrenti tal-art milquta mid-Dikjarazzjonijiet, iżda tħeġġeġ li l-proċess tal-ħlas tal-kumpens u tal-kisba b'mod definittiv min-naħa tal-Gvern jintemmu bla aktar dewmien jew tnikkir. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-Awtorità intimata għandha għaliex tibqa' ma tiħux jew tmexxi b'għaqal il-passi meħtieġa biex jitħallas il-kumpens mistħoqq lir-rikorrenti;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti għandha s-setgħa li tordna li l-Awtorità intimata tniedi minnufih il-proċess biex tagħmel dak li għandu jsir biex jintemmu l-proċeduri għall-kisba tal-art meħuda mingħand ir-rikorrenti b'titolu assolut kif iridu d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta[56]. Dwar dan sejra tipprovdi fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza;

Illi, għall-finijiet ta**t-tielet talba attriċi**, l-Qorti diġa` waslet għall-fehma li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u minħabba li r-rikorrenti għadhom jistgħu jiksbu kumpens xieraq f'sede oħra, hija qiegħda ssib li l-istess talba hija mistħoqqa u qiegħda tillikwida kumpens morali għall-ksur tal-jedd imġarrab mir-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf euro (€ 30,000);

[56] Kost. **14.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Inez mart Francesco Saverio Calleja et vs Kummissarju tal-Artijiet et***

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta` u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimati u ssib li kemm l-intimat Avukat Ġenerali u kif ukoll l-intimat Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ma humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u qiegħda teħlishom milli jibqgħu fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiddikjara** għall-finijiet tar-**raba' eċċezzjoni preliminari** li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jagħtix lir-rikorrenti jedd eżegwibbli biex jirrimedja l-ilmenti tagħhom ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

**Tilqa' l-ħames eċċezzjoni preliminari** billi ssib li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, il-jedd imħares taħt l-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni ma jgħoddx għal dawk l-atti magħmula taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiddikjara li għall-finijiet tas-sitt eċċezzjoni preliminari**, r-rikorrenti seħħilhom juru li huma sidien tal-art milquta bit-teħid;

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti** u ssib li, bit-teħid tal-art tagħhom fil-limiti tal-Imsida, liema art kienet ittieħdet għal skop pubbliku u b'xiri assolut permezz tad-Dikjarazzjonijiet tal-4 ta' Awwissu, 1961, u tal-24 ta' Mejju, 1988, huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni safejn dan jirrigwarda ż-żmien meħud biex l-istess rikorrenti jingħataw il-kumpens mistħoqq għall-imsemmi teħid; iżda ma tilqax l-ewwel talba safejn trid li jinstab li t-teħid ma sarx għal għan pubbliku jew fl-interess pubbliku, jew fejn l-ilment jirrigwarda l-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti** safejn tordna r-radd lura tal-art lir-rikorrenti, imma tordna li l-Awtorità intimata fi żmien erba' (4) xhur minn mindu din is-sentenza ssir finali tagħmel dak li għandu jsir biex jintemmu l-proċeduri għall-kisba tal-art meħuda mingħand ir-rikorrenti b'titolu assolut kif iridu d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti** billi tikkundanna lill-Awtorità intimata tħallas lir-rikorrenti solidalment bejniethom b'kumpens morali minħabba l-ksur tal-jedd fuq imsemmi, u bla ħsara għal kull rimedju ieħor li huma jista' jkollhom skond il-liġi, is-somma ta' tletin elf euro (€ 30,000); u

**Tordna** li l-Awtorità intimata tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbutin mal-intimati Avukat Ġenerali u Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, liema spejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' Ottubru, 2018**

**Janet Calleja**
**Deputar Registratur**

**25 ta' Ottubru, 2018**